

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-13 ta' Lulju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal Administrativo – il-Portugall) – Brisal – Auto Estradas do Litoral SA, KBC Finance Ireland vs Fazenda Pública

(Kawża C-18/15) ⁽¹⁾

Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 56 TFUE — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Leġiżlazzjoni fiskali — Tassazzjoni tal-interessi miġbura — Differenza fit-trattament bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji residenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti

(2016/C 335/12)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal Administrativo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Brisal – Auto Estradas do Litoral SA, KBC Finance Ireland

Konvenuta: Fazenda Pública

Dispożittiv

L-Artikolu 49 KE ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li skont din proċedura ta' tnaqqis f'ras il-għajn tat-taxxa tiġi applikata għar-remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti tal-Istat Membru li fiha jiġu pprovduti s-servizzi, filwaqt li r-remunerazzjoni mħallsa lill-istituzzjonijiet finanzjarji residenti ta' dan l-Istat Membru ma hijiex suġġetta għal tali taxxa, bil-kundizzjoni li l-applikazzjoni lill-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti tat-taxxa f'ras il-għajn tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex.

L-Artikolu 49 KE jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li, bħala regola ġenerali, tintaxxa l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti fuq id-dħul ta' interessi miksub ġewwa l-Istat Membru kkonċernat mingħajr ma tagħtihom il-possibbiltà li jnaqqsu l-ispejjeż professjonali direttament marbuta mal-attività inkwistjoni, filwaqt li tali possibbiltà hija rikonoxxuta lill-istituzzjonijiet finanzjarji residenti.

Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, abbażi tad-dritt nazzjonali tagħha, liema huma l-ispejjeż professjonali li jistgħu jitqiesu li huma direttament marbuta mal-attività inkwistjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 118, 13.4.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-14 ta' Lulju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht München I – il-Ġermanja) – Verband Sozialer Wettbewerb eV vs Innova Vital GmbH

(Kawża C-19/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tal-konsumaturi — Regolament (KE) Nru 1924/2006 — Indikazzjonijiet nutrittivi u ta' saħħa li jirrigwardaw il-prodotti tal-ikel — Artikolu 1(2) — Kamp ta' applikazzjoni — Ikel intiż li jitwassal bħala tali lill-konsumatur finali — Indikazzjonijiet magħmula f'komunikazzjoni kummerċjali indirizzata esklużivament lil professjonisti tas-saħħa)

(2016/C 335/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht München I